IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2098

tal-15 ta' Diċembru 2020

li jniedi rieżami tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 443/2011 u (UE) Nru 444/2011 b'mod li jiġi estiż, rispettivament, id-dazju antidumping u kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Kanada kif ukoll jekk le, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-possibbiltà li tingħata eżenzjoni minn dawk il-miżuri lil produttur esportatur Kanadiż wieħed, li jħassar id-dazju antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet minn dak il-produttur esportatur u li jagħmel l-importazzjonijiet minn dak il-produttur esportatur soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament antidumping bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) u 14(5) tiegħu, u r-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("ir-Regolament antisussidji bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 23(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1518 tal-14 ta' Settembru 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([3]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1519 tal-14 ta' Settembru 2015 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 ([4])

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

1. TALBA

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal eżenzjoni mill-miżuri antidumping u kumpensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsenjati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada kif ukoll jekk le, sa fejn hija kkonċernata Verbio Diesel Kanada Corporation ("l-applikanta"), skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament antisussidji bażiku.

(2) It-talba tressqet fit-13 ta' Lulju 2020 mill-applikanta, li hija produttriċi esportatura tal-bijodiżil fil-Kanada.

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI

(3) Il-prodott li qed jiġi rieżaminat huwa esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, komunement magħruf bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li fiha aktar minn 20 % ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksub minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, ikkunsinnat mill-Kanada, sew jekk iddikjarat bħala li joriġina mill-Kanada kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 21), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 21), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 21), ex 2710 19 43 (kodiċi TARIC 2710 19 43 21), ex 2710 19 46 (kodiċi TARIC 2710 19 46 21), ex 2710 19 47 (kodiċi TARIC 2710 19 47 21), ex 2710 20 11 (kodiċi TARIC 2710 20 11 21), ex 2710 20 16 (kodiċi TARIC 2710 20 16 21), ex 3824 99 92 (kodiċi TARIC 3824 99 92 10), ex 3826 00 10 (kodiċijiet TARIC 3826 00 10 20, 3826 00 10 50, 3826 00 10 89) u ex 3826 00 90 (kodiċi TARIC 3826 00 90 11).

3. MIŻURI EŻISTENTI

(4) Bir-Regolamenti (KE) Nru 598/2009 ([5]) u (KE) Nru 599/2009 ([6]), il-Kunsill impona dazji kumpensatorji u antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21,
([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55
([3]) ĠU L 239, 15.9.2015, p. 69.
([4]) ĠU L 239, 15.9.2015, p. 99.
([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 598/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 179, 10.7.2009, p. 1).
([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 599/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 179, 10.7.2009, p. 26).

(5) Dawn il-miżuri ġew estiżi bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 443/2011 ([7]) u (UE) Nru 444/2011 ([8]), għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada kif ukoll jekk le.

(6) Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament antidumping bażiku u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1519 ([9]) wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament antisussidji bażiku.

(7) Fl-14 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni bdiet żewġ rieżamijiet ta' skadenza skont, rispettivament, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament antidumping bażiku ([10]) u l-Artikolu 18(2) tar-Regolament antisussidji bażiku ([11]). Dawn l-investigazzjonijiet ta' rieżami għadhom għaddejjin.

4. **RAĠUNIJIET GĦAR-RIEŻAMI**

(8) L-applikanta allegat li ma esportatx il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi kif adottati mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 443/2011 u (UE) Nru 444/2011, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' April 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 ("il-PI oriġinali"). L-applikanta nħolqot legalment biss fl-2019. L-impjant lanqas biss kien jeżisti fil-PI oriġinali. Fil-fatt, l-impjant inbena u nfetaħ fl-2012.

(9) Barra minn hekk, l-applikanta ipprovdiet evidenza li hija produttriċi ġenwina u allegat li hija ma evitatx il-miżuri eżistenti.

(10) L-applikanta sostniet ukoll li wara l-PI oriġinali hija esportat il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni, f'Diċembru 2019 u f'Ġunju 2020 rispettivament.

5. **PROĊEDURA**

5.1. **Bidu**

(11) Il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza disponibbli, u kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament antisussidji bażiku għall-għani li tiġi ddeterminata l-possibilità li l-applikant jingħata eżenzjoni mill-miżuri estiżi.

(12) L-industrija tal-Unjoni li kien magħruf li kienet ikkonċernata ġiet infurmata bit-talba għal rieżami u ngħatat l-opportunità li tikkummenta. Ma wasal l-ebda kumment.

(13) Fl-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se toqgħod partikolarment attenta għar-relazzjoni tal-applikanta mal-kumpaniji soġġetti għall-miżuri eżistenti biex tiżgura li ma ġietx imwaqqfa jew użata biex jiġu evitati l-miżuri. Il-Kummissjoni se tqis ukoll jekk għandhomx jiġu imposti kundizzjonijiet ta' monitoraġġ partikolari fil-każ li l-investigazzjoni tikkonkludi li l-għoti tal-eżenzjoni huwa ġustifikat.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 443/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 li jestendi d-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 598/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada, kif ukoll jekk le, u li jestendi d-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 598/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika, u li jwaqqaf l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkunsinnati minn Singapor (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 1).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 444/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 599/2009 għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka għall-importazzjonijiet ta' bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarat li joriġinaw mill-Kanada, kif ukoll jekk le, u li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 599/2009 għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerka, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkunsinnati minn Singapore (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 12).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1519 tal-14 ta' Settembru 2015 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 99)

([10]) Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU C 303,14.9.2020, p. 18)

([11]) Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antisussidji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika, (ĠU C 303,14.9.2020, p. 7)

5.2. **Tħassir tal-miżuri antidumping eżistenti u r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet**

(14) F'konformità mal-Artikolu 11(4) tar-Regolament antidumping bażiku, f'każijiet ta' esportaturi ġodda fil-pajjiż esportatur inkwistjoni li ma esportawx il-prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu kienu bbażati l-miżuri, jenħtieġ li d-dazju antidumping fis-seħħ jitħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li huma prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-applikant.

(15) Fl-istess waqt, jenħtieġ li tali importazzjonijiet ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku sabiex jiġi żgurat li, jekk ir-rieżami juri li teżisti ċirkomvenzjoni fir-rigward tal-applikant, id-dazji antidumping ikunu jistgħu jiġu imposti mid-data tar-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet. L-ammont tal-obbligazzjonijiet futuri possibbli tal-applikant ikun ugwali għad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 (EUR 172,2/tunnellata).

5.3. **Miżuri antisussidji eżistenti**

(16) Billi r-Regolament antisussidji bażiku ma jipprovdix għat-tħassir tad-dazji kumpensatorji f'każijiet fejn l-esportaturi ma kinux investigati individwalment matul l-investigazzjoni oriġinali, dawn il-miżuri se jibqgħu fis-seħħ. Ikun biss jekk ir-rieżami jirriżulta fis-sejba li l-applikant huwa intitolat għal eżenzjoni li l-miżuri antisussidji fis-seħħ jitħassru se jiġu revokati fir-rigward tal-applikant.

5.4. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami**

(17) L-investigazzjoni se tkopri l-perjodu mill-1 ta' April 2009 sat-30 ta' Settembru 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami").

5.5. **L-investigazzjoni tal-applikant**

(18) Sabiex tkun tista' tikseb it-tagħrif li tqis li huwa meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant. L-applikant irid jippreżenta l-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 11(2) tar-Regolament antisussidji bażiku.

5.6. **Preżentazzjonijiet oħrajn bil-miktub**

(19) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jesprimu l-opinjoni tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5.7. **Possibbiltà ta' seduta ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni**

(20) Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni t-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan, it-talba għal smigħ trid titressaq fil-limitu tal-iskadenzi speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

5.8. **Struzzjonijiet għat-tfassil ta' preżentazzjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza**

(21) L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw informazzjoni u/jew *data* lill-Kummissjoni li jkunu soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-dritt tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni (a) tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u (b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

(22) Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "Sensitive". Il-partijiet li jippreżentaw l-informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

(23) Partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni "Sensitive" huma mitluba jipprovdu taqsiriet mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 29(2) tar-Regolament antisussidji bażiku, li jkunu mmarkati bil-kliem "For inspection by interested parties" ("Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"). Dawn is-sommarji jenħtieġ li jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

(24) Jekk il-parti li tipprovdi l-informazzjoni "Sensitive" tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tipprovdix is-sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitlubin, il-Kummissjoni tista' tinjora din l-informazzjoni dment li sorsi xierqa jkunu jistgħu juru b'mod sodisfaċenti li l-informazzjoni hija korretta.

(25) Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz tal-posta elettronika inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li jiġu mressqa fuq mezz ta' ħżin diġitali portabbli (CD-ROM, DVD, flash drive USB) bl-idejn jew bil-posta rreġistrata. Meta jużaw il-posta elettronika, il-partijiet interessati jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" (KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ) ippubblikat fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf.

(26) Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika li jipprovdu jkun indirizz tal-posta elettronika uffiċjali tax-xogħol li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, sakemm ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u għal informazzjoni ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet bil-posta elettronika, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G
Office: CHAR 04/039
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Posta elettronika: TRADE-R731-BIODIESEL-EXEMPTION@ec.europa.eu

6. **POSSIBBILTÀ GĦAL KUMMENTI DWAR IL-PREŻENTAZZJONIJIET TA' PARTIJIET OĦRA**

(27) Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu jindirizzaw biss kwistjonijiet imqajma fis-sottomissjonijiet ta' partijiet interessati oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda. Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar tas-sejbiet definittivi, jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem mill-iskadenza għal kummenti dwar is-sejbiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti mressqa minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar ulterjuri jsiru fi żmien ġurnata (1) mill-iskadenza għall-kummenti dwar dan l-iżvelar ulterjuri, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. L-iskeda ta' żmien deskritta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

7. **ESTENSJONI TAL-LIMITI TA' ŻMIEN SPEĊIFIKATI F'DAN IR-REGOLAMENT**

(28) L-estensjonijiet tal-limiti ta' żmien previsti f'dan ir-Regolament jistgħu jingħataw wara talba min-naħa tal-partijiet interessati li jkollhom raġuni valida.

(29) Jenħtieġ li kull estensjoni għal-limiti ta' żmien previsti f'dan ir-Regolament jiġu rikjesti f'ċirkustanzi eċċezzjonali u jingħataw biss jekk ikunu debitament ġustifikati. Fi kwalunkwe każ, kull estensjoni għall-iskadenza tar-risposta għall-kwestjonarji se tkun limitata għal tlett (3) ijiem, u bħala regola ma taqbiżx is-sebat (7) ijiem. Fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata f'dan ir-Regolament, l-estensjonijiet ikunu limitati għal tlett (3) ijiem sakemm ma jintwerewx xi ċirkostanzi eċċezzjonali.

8. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(30) F'każijiet fejn xi parti interessata tiċħad l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fiż-żmien stipulat, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jsiru sejbiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 28 tar-Regolament antisussidji bażiku.

(31) Fejn jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

(32) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment, u s-sejbiet ikunu għalhekk imsejsa fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 28 tar-Regolament antisussidji bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal din il-parti milli kieku din tkun ikkooperat.

(33) In-nuqqas li tingħata tweġiba kompjuterizzata ma jitqies bħala nuqqas ta' koperazzjoni, sakemm il-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitluba tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew fi spejjeż żejda mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tagħmel kuntatt mal-Kummissjoni minnufih.

9. **L-UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(34) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għall-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-talbiet minn terzi persuni għal smigħ. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduta ta' smigħ ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur biex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jitwettqu b'mod sħiħ. L-Uffiċjal tas-Seduta se jagħti wkoll opportunitajiet biex isir smigħ li jinvolvi l-partijiet u li jippermetti li jitressqu fehmiet differenti u argumenti kuntrarji.

(35) Jenħtieġ li talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għal din it-talba. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni t-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan, talba għal seduta ta' smigħ trid tkun ippreżentata fl-iskadenzi speċifiċi stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

(36) Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni elettroniċi tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

10. **SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(37) L-investigazzjoni se tintemm, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament antidumping bażiku u skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament antisussidji bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

11. **PROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(38) Kwalunkwe *data* personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

Avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* li jinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed jinbeda rieżami skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2016/1037 sabiex jiġi stabbilit jekk l-importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, komunement magħruf bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li fiha aktar minn 20 % ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksub minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, ikkunsinnati mill-Kanada, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Kanada kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 21), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 21), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 21), ex 2710 19 43 (kodiċi TARIC 2710 19 43 21), ex 2710 19 46 (kodiċi TARIC 2710 19 46 21), ex 2710 19 47 (kodiċi TARIC 2710 19 47 21), ex 2710 20 11 (kodiċi TARIC 2710 20 11 21), ex 2710 20 16 (kodiċi TARIC 2710 20 16 21), ex 3824 99 92 (kodiċi TARIC 3824 99 92 10), ex 3826 00 10 (kodiċijiet TARIC 3826 00 10 20, 3826 00 10 50, 3826 00 10 89) u ex 3826 00 90 (kodiċi TARIC 3826 00 90 11), prodotti minn Verbio Diesel Kanada Corporation (kodiċi addizzjonali TARIC C600), għandhomx ikunu soġġett għall-miżuri antidumping u antisussidji imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1519.

Artikolu 2

Id-dazju antidumping impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 huwa b'dan imħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament preżenti.

([12]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 3

L-Awtoritajiet doganali għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN